# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.D.

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2016

Appell Nru: 541/2013

**Il-Pulizja**

**(Spettur Sandro Camilleri)**

**Vs**

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Omissis, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer gewwa l-Istitut San Guzepp fi Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera, fit-8 ta' Frar, 2013 u fit-13 ta' Frar, 2013 ikkommetta serq ta' 10 Euro u 25 Euro rispettivament ghad-detriment ta' Frank Cini.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Novembru, 2013, li permezz taghha l-Qorti wara li rat l-artikoli 37 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' ghaxart (10) ijiem;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Omissis, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Dicembru, 2013, li bih talab lil din il-Qorti, tvarja s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza ta' serq semplici u thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghaxart ijiem prigunerija u minflok timponi piena aktar idoneja tenut kont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell bl-aggravju singolari li l-piena inflitta fuq l-appellant hija wahda eccessiva. Huwa kien misjub hati mill-ewwel Qorti ta' serq semplici u kkundannat ghal-terminu ta' prigunerija ta' ghaxart ijiem izda tenut kont tal-eta' zghira (16-il sena) u l-vulnerabilita' tieghu piena karcerarja mhi ser tkun ta' ebda ghajnuna ghar-riabilitazzjoni tieghu;

2. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra din il-Qorti hi kostretta li tissolleva n-nullita' tar-rikors tal-appell ghaliex huwa karenti minn formalita' mehtiega fuq piena ta' nullita. Skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti l-irritwalita' o meno ta' rikors ta' appellant, hi

materja ta' ordni pubbliku sollevabbli mill-Qorti "ex officio". (Pulizija vs Jean Paul Cachia u Neville Borg App Krim 19.1.1996). Fil-kaz odjern, l-appellant ma qal assolutament xejn dwar il-fatti tal-kaz. Ghad illi ghandu paragrafu intestat fatti fil-qosor, l-esposizzjoni li ssegwi hija assolutament inutili sabiex ikun sodisfatt il-vot tal-ligi ex artikolu 419(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. L-appellant, minflok illi ghamel deskrizzjoni tal-fatti li taw lok ghal-kawza mertu tal-appell ta rendikont tad-diffikultajiet u l-isfond familjari u socjali li trabba fihom. Ezaminat bir-reqqa r-rikors tal-appell mkien ma jirrizultaw xi fatti jew sunt taghhom li jistghu b'xi mod jghinu lill-Qorti tkun taf x'kienu dawk il-fatti li taghhom kien imputat l-appellant. Anke hawn, fuq skorta ta' sentenzi in rigward, l-Qorti ma ghandha ebda xelta hlief li tiddikjara l-appell null;

3. Illi anke li ma kienx hekk, u din il-Qorti isobiha tassisti ghall-zbalji bhal dawn li bihom ibati biss l-appellant li wara kollox ma jkollu ebda partecipazzjoni fl-ifformular tar-rikors, il-kwistjoni hawn devoluta ftit jekk xejn tista' tkun kunsidrata favorevolment u dan ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok din il-Qorti bhala Qorti ta' revizzjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dak li hu ghoti ta' piena sakemm dik il-piena kienet fil-parametri tal-ligi. Fil-kaz odjern ma hemm ebda dubju dwar dan. Fit-tieni lok, l-ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet fit-tul hafna dwar il-piena idonea, rrikapitolat l-episodji kollha fejn l-appellant inghata diversi opportunitajiet u waslet ghall-konkluzzjoni li ma kellha ebda triq ohra hlief li tikkometti lill-appellant ghal-perjodu effettiv ta' prigunerija. Din il-Qorti imbaghad kompliet tistharreg kull possibilita' biex tara x'tista' tkun l-ahjar piena ghall-appellant fi spirtu riformattiv versu wiehed punittiv. Ghal dan l-iskop, il-Qorti akkordat diversi differimenti sabiex ikun rappurtat lilha l-progress ta' trattament li kien qieghed jircievi l-appellant. Minkejja dan, seduta wara l-ohra, l-Qorti semghet biss hwejjeg negattivi fejn l-appellant qed jitkecca minn hostels fejn ikun alloggjat ghaliex

jinqabad jisraq jew iqalleb fi hwejjeg haddiehor minn dawn il-postijiet li jospitawh. Il-Qorti finalment semghet mill-Probation Officer tal-appellant li kien ukoll kiser il-probation order impost fuqu minn Qorti ohra u issa jinsab jiskonta piena ta' prigunerija ferm akbar minn dik odjerna;

F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti, *gratia argomenti* l-appell kien wiehed regolari, ghad illi tibqa' dejjem temmen fil-possibilita' ta' riabilitazzjoni tal-appellant u tawgura li jgharaf li hemm struttura ta' istituzzjonijiet u professjonisti jappoggjaw it-trattament tieghu, ma tarax kif setghet rejalment tittempra l-piena mposta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tiddikjara l-appell null, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.